QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

Seduta ta' nhar-it Tlieta 12 ta' Diċembru 2017

**App. Nru. 86/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith (Keith-Desmond) Falzon**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Keith (Keith-Desmond) Falzon, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 543677M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fi Frar 2004 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu, għamel użu ħażin minn dokumenti jew atti illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew seraqhom, billi ħa informazzjoni u ritratti ta' tfal li kienu jattendu d-Dipartiment ta' Child Development Assessment Unit (C.D.A.U.) ġewwa l-Isptar San Luqa;

(2) bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku sar ħati ta' reat li hu kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

**2.** Rat illi bin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2006 l-Avukat Ġenerali addebita lill-appellant (allura imputat) bl-artikoli 124, 127, 133, 141, 20, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Frar 2012, fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Keith (Keith-Desmond) Falzon ħati tar-reati kontemplat fl-artikoli 124 u 133 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minnhom illiberatu, iżda sabitu ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali stante li għamel użu ħażin għall-benefiċċju personali tiegħu minn dokumenti fdati lilu fil-kariga tiegħu, u bl-applikabilita` wkoll ta' l-artikolu 141 ta' l-istess Kap. 9, u kkundannatu għal sentejn ħabs [*recte:* priġunerija] sospiżi għal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre imponiet fuqu l-interdizzjoni ġenerali perpetwa u, wara li rat l-artikolu 533 ta' l-imsemmi Kap. 9, ikkundannatu jħallas "il-piena ta' mija u sbatax-il liri Maltin (Lm117.00) ekwivalenti għal mitejn tnejn u sebgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€272.53)";

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Keith Desmond Falzon ippreżentat fl-24 ta' Frar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie dikjarat mhux ħati tar-reati lilu addebitati taħt 1-artikoli 124 u 133 tal-Kap. 9 u tħassar dik il-parti fejn gie dikjarat ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati oriġinarjament meta tressaq u cioe` dawk taħt 1-artikoli 127 u 141 tal-Kap. 9 u fejn ġie kkundannat għall-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin kif ukoll għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament tirriforma u tibdel il-piena nflitta;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant Keith Desmond Falzon huma s-segwenti:

> "1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotezi tal-Ligi meta a bazi tal-provi mressqa sabet htija fl-appellant taht l-Artikoli 127 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi mill-istess provi ma rrizultawx l-elementi kostituttivi tar-reat, la dak materjali u lanqas dak intenzjonali.

"Illi bid-dovut rigward galadarba l-ewwel Qorti emnet il-verzjoni moghtija mill-esponent kemm fil-kors ta' l-investigazzjoni u wisq aktar dik quddiern l-ewwel Qorti stess meta huwa volontarjament ha 1-pedana tax-xhieda, allura huwa inspjegabbli ghalih kif setghat legalment l-ewwel Qorti tistabilixxi l-htija tieghu dwar ir-reat ta' serq minn impjegat pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex l-informazzjoni misjuba fil-kompjuter tal-esponent kienet informazzjoni li huwa kellu access ghaliha legittimament u li biex ottjeniha huwa ma kellu jaghmel xejn illegali jew klandestin. In effetti irrizulta illi l-informazzjoni kollha misjuba kienet giet jew minn kuntatt dirett personali mal-persuni nvoluti jew inkella mid-data base li l-esponent kellu access ghaliha normalment u kwotidjanament fil-kors tax-xoghol tieghu bhala nursing aid gewwa l-isptar. Il-fatt illi kien jimmemorizza certu informazzjoni imbaghad jikkompilaha bil-mod kif hawn fuq spjegat zgur li ma jikkostitwix ir-reat lilu addebitat u dan ghaliex tali agir ma jikkristallizzax l-elementi tar-reat kif jemanaw mill-Artikolu 127 precitat u dan kif 1-esponent ser ikollu okkazjoni li jispjega u jamplifika f'aktar dettall fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan 1-appell.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost. l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta u nkompleta tal-ipotezi tal-Ligi meta sabet lill-esponent hati fit-termini tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9 u dan ghaliex minn semplici qari tal-istess Artikolu 141 jidher illi l-applikazzjoni tieghu kienet legalment eskluza f'dan il-kaz peress illi l-istess Artikolu 141 jiddisponi illi l-effett tieghu japplikaw biss ghall-reati fejn il-fatt illi l-hati ikun impjegat pubbliku ma jkunx wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-istess reat li dwaru tkun qed tinstab htija.

"3. Illi minghajr pregudizzju 1-piena nflitta kienet wahda eccessiva u gravuza. F'dan il-kuntest l-esponent jispjega illi tenut kont tal-fatt illi l-aggravju taht l-Artikolu 141 ma kienx applikabbli fil-kaz odjern u tenut kont tal-fatt illi kif anki ritenut mill-ewwel Qorti l-agir tal-esponent kienet sempliciment manifestazzjoni ta' passjoni kbira lejn 1-isport u xejn aktar, il-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin u l-interdizzjoni generali perpetwa kienet wahda sproporzjonata u li kien ferm aktar opportun illi l-esponent jinghata xi provvediment taht l-Att dwar il-Probation."

**7.** Qabel xejn din il-Qorti nnotat li fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti kkummentat fuq l-użu li seta' jsir mill-istqarrija ta' l-appellant lill-Pulizija u qalet:

"Ċertament ukoll kif irribattiet l-Uffiċjal Prosekutur fil-kontro-eżami tagħha, fiha l-imputat ammetta li ġab xi informazzjoni minn fuq il-computer ta' l-Isptar. Pero` għajr għalhekk din il-Qorti mhix ser tagħmel aktar referenza lejha għax frankament ħafna mill-affarijiet li għalihom wieġeb l-imputat ma jiċċentrawx mal-akkużi in diżamina, u oltre dan kif gia` esprimiet ruħha tħoss li hemm biżżejjed provi miġjuba biex iwassluha għal deċiżjoni."

**8.** Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju ta' l-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[1] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

> "1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).
>
> "2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see *Salduz*, cited above, § 55).
>
> "3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).
>
> "....
>
> "4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).
>
> "5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).
>
> "6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."

---

[1] 12th January 2016.

**9.** Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb'oħra kkunsidrat il-kwistjoni f'diversi okkażjonijiet[2]. F'**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

> **"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**
>
> **"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**
>
> **"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[3] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**
>
> **"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**
>
> **"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**
>
> **"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta ttieħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma**

[2] Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta' Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta' Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta' Ġunju 2016; **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta' Lulju 2016.
[3] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

**hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**10.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**11.** Fil-każ in eżami, l-appellant ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma ngħata aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huwa b'hekk irrilaxxja stqarrija mingħajr tali assistenza.

**12.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellant ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**13.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[4]

**14.** Kwindi l-istqarrija ta' l-appellant qed tiġi skartata.

**15.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel aggravju ta' l-appellant u li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Fi żmien meta ġie allegatament kommess ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 127[5], dan l-artikolu kien jipprovdi hekk:

> **"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa."**

---

[4] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

[5] Permezz ta' l-Att XXXI tas-sena 2007 minflok il-kliem "għal xi vantaġġ privat tiegħu," daħlu l-kliem "għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra,". Permezz ta' l-Att IV tas-sena 2013, l-artikolu eżistenti ġie enumerat bħala s-subartikolu (1) u ġie miżjud is-subartikolu (2).

**16.** Mill-provi jirriżulta li l-appellant kien jaħdem bħala *nursing aide* iċ-*Child Development Assessment Unit.* Skond Valerie Gatt, in-*nurse in charge,* l-appellant kien inkarigat mir-*reception* tal-*Unit,* u wara nofsinhar jieħu ħsieb it-*tracking* tal-*files* u *x-rays* tal-pazjenti. Huwa kien ukoll *coach/scout* mal-Floriana Football Nursery. Minħabba allegazzjoni ta' fastidju fil-konfront ta' xi ħadd mis-subien fin-Nursery, tnidiet investigazzjoni, saret tfittxija fir-residenza ta' l-appellant mnejn ġew elevati kompjuter u, fost oġġetti oħra, album li kien fih diversi ritratti ta' subien fil-maġġor parti bil-libsa tal-preċett jew tal-griżma u ċ-ċertifikat tat-twelid ta' kull wieħed minnhom.

**17.** Mill-kompjuter ġiet estrapolata lista ta' tfal b'diversi partikolaritajiet tagħhom iżda uħud minnhom kellhom ukoll informazzjoni medika, inkluż dwar appuntamenti l-Isptar. L-appellant xehed li waqt li kien ikun fir-*reception area* kien jitkellem mal-ġenituri u jħajjarhom għall-football. L-informazzjoni li kien iniżżel, "dawn li żammejt minn moħħi hekk. Imma jiena naħlef li qatt ma qbadt *file* u rajt l-informazzjoni u fuq il-kompjuter kif qed jakkużawni huma, ma hemmx il-*medical history* tagħhom u l-kitba tat-tobba jiena ma nifhimhiex.... Issa ifhem forsi ġieli eżempju kont qed nidħol u forsi ċċekkjajt *date of birth,* jista' jkun imma ma nistax niftakar ta' liema. Issa jiena t-tip ta' bniedem li jekk tagħmel kalkolu, jiġifieri għalhekk kont immur għall-*birth certificates*, għax jekk jiena nistaqsik ismek u kunjomok u kemm għandek żmien u meta tagħlaqhom, jiena naħdem id-*date of birth* u mmur inġib il-*birth certificate* u mbagħad ikolli d-dettalji kollha." Ċaħad li qatt għamel użu minn ritratti tat-tfal minn *files* ta' l-Isptar.

**18.** Issa, għalkemm l-appellant ċaħad li qatt għamel użu minn ritratti tat-tfal li kien ikun hemm fil-*files* ta' l-Isptar, mill-anqas tnejn mir-ritratti fl-album elevat mir-residenza tiegħu huma ritratti (jew kopji tagħhom) li l-ġenituri jgħidu li taw lis-CDAU. Dawn huma r-ritratti bin-numri 9 u 17. F'dar-rigward issir referenza għax-xiehda ta' Mario Mizzi[6], u dik ta' Raymond u Ignazia Gialanze`[7]. Jekk ingħataw lis-CDAU, posthom kellu jkun fil-*files* relattivi u mhux fl-album ta' l-appellant. Din il-Qorti, pero`, talbet li jiġu prodotti l-*files* in kwistjoni u vera kopja ġiet esebita fis-seduta tas-26 ta' April 2017 meta xehdet Doris Vella Cassar. Minn dawn il-*files* ma jirriżulta ebda annotament li ġie ppreżentat xi ritratt. Inoltre Doris Vella Cassar xehdet li mhux normali li jkun hemm ritratti tat-tfal fil-files u fil-files oriġinali ma kienx hemm ritratti. Il-mistoqsija tibqa', minn fejn seta' allura l-appellant ġab ir-ritratti? Din il-Qorti mhijiex lesta li tikkonġettura u tgħid biss li jirriżulta li huwa kellu kuntatt dirett man-nies li kienu jattendu s-CDAU.

---

[6] a fol 289 *et seq.*
[7] a fol. 269 *et seq.*

**19.** Kwantu għall-informazzjoni l-oħra li kellu dwar xi tfal, din il-Qorti ma tqisx li huwa wisq inverosimili dak li xehed l-appellant. Ma tqisx fi kwalunkwe każ li jirriżultaw l-elementi ta' l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.

**20.** Fiċ-ċirkostanzi l-appellant ma kellux jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravji l-oħra.

**21.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn ġie dikjarat mhux ħati tar-reati lilu addebitati taħt l-artikoli 124 u 133 tal-Kap. 9 u tħassar dik il-parti fejn gie dikjarat ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati oriġinarjament meta tressaq u cioe` dawk taħt l-artikoli 127 u 141 tal-Kap. 9 u fejn ġie kkundannat għall-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin kif ukoll għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa u in kwantu ġie kkundannat iħallas "il-piena ta' mija u sbatax-il liri Maltin (Lm117.00) ekwivalenti għal mitejn tnejn u sebgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€272.53)" a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minnhom u minn kull ħtija, u tilliberah ukoll minn kull piena.